

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1276/2009

tat-22 ta' Diċembru 2009

li jiffissa l-valuri standard li għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-kumpens finanzjarju u tal-ħlas bil-quddiem li għandu x'jaqşam miegħu fir-rigward tal-prodotti tas-sajd irtirati mis-suq matul is-sena tas-sajd 2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(5) u (8) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 jipprovdi għall-ħlas ta' kumpens finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jirtiraw, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-prodotti elenkati fl-Anness I(A) u (B) għal dak ir-Regolament. L-ammont ta' kumpens finanzjarju bħal dan għandu jitnaqqas bil-valuri standard fil-każ tal-prodotti maħsuba għal skopijiet għajr dak tal-konsum mill-bniedem.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2493/2001 tad-19 ta' Diċembru 2001 dwar l-eliminazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd li jkunu ġew irtirati mis-suq ⁽²⁾ jispesifika l-modi ta' kif wieħed jista' jelimina l-prodotti rtirati mis-suq. Il-valur ta' dawn il-prodotti għandu jkun iffissat f'livell standard għal kull wieħed minn dawn il-modi ta' eliminazzjoni, billi jitqies id-dħul medju li jista' jinkiseb minn eliminazzjoni bħal din fid-diversi Stati Membri.
- (3) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2509/2000 tal-15 ta' Novembru 2000 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 dwar l-għoti ta' kumpens finanzjarju għall-irtirar ta' ċerti prodotti tas-sajd ⁽³⁾, ir-regoli speċjali jipprovdu li, meta organizzazzjoni tal-produtturi jew wieħed mill-membri tagħha jqiegħed il-prodotti tiegħu għall-bejgħ fi Stat Membru li ma jkunx il-pajjiż li fih ikun irrikonnoxxut, dak il-korp responsabbli

għall-għoti tal-kumpens finanzjarju jrid ikun infurmat. Dan il-korp huwa l-korp fl-Istat Membru li fih l-organizzazzjoni tal-produtturi tkun irrikonnoxxuta. Il-valur standard li għandu jitnaqqas għandu għalhekk ikun il-valur applikat f'dak l-Istat Membru.

- (4) L-istess metodu ta' kalkolu għandu jkun applikat għall-ħlasijiet bil-quddiem fuq il-kumpens finanzjarju kif hemm ipprovdut fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2509/2000.
- (5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għas-sena tas-sajd 2010, il-valuri standard li għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-kumpens finanzjarju u tal-ħlasijiet bil-quddiem marbutin miegħu għall-prodotti tas-sajd irtirati mis-suq mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u maħsuba għal skopijiet għajr dak tal-konsum mill-bniedem, kif imsemmija fl-Artikolu 21(5) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-valur standard li għandu jitnaqqas mill-kumpens finanzjarju u mill-ħlasijiet bil-quddiem marbutin miegħu għandu jkun dak applikat fl-Istat Membru li fih l-organizzazzjoni tal-produtturi tkun irrikonnoxxuta.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kummissjoni

José Manuel BARROSO

Il-President

⁽¹⁾ ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.

⁽²⁾ ĠU L 337, 20.12.2001, p. 20.

⁽³⁾ ĠU L 289, 16.11.2000, p. 11.

ANNEX

IL-VALURI STANDARD

L-użu ta' prodotti ritirati mis-suq	EUR għal kull tunnellata
1. Użu wara l-ipproċessar fikel (għalf għall-animali):	
(a) Aringi tal-ispeċi <i>Clupea harengus</i> u kavalli tal-ispeċi <i>Scomber scombrus</i> u <i>Scomber japonicus</i> :	
— id-Danimarka u l-Iżvezja	60
— ir-Renju Unit	50
— l-Istati Membri l-oħra	15
— Franza	2
(b) Gambli tal-ispeċi <i>Crangon crangon</i> u gambli tal-fond (<i>Pandalus borealis</i>):	
— id-Danimarka u l-Iżvezja	0
— l-Istati Membri l-oħra	10
(c) Prodotti oħrajn:	
— id-Danimarka	40
— l-Iżvezja, il-Portugall u l-Irlanda	20
— ir-Renju Unit	28
— l-Istati Membri l-oħra	1
2. Użu frisk jew ippriżervat (għalf għall-animali)	
(a) Sardin tal-ispeċi <i>Sardina pilchardus</i> u inċova (<i>Engraulis spp.</i>):	
— l-Istati Membri kollha	8
(b) Prodotti oħrajn:	
— l-Iżvezja	0
— Franza	30
— l-Istati Membri l-oħra	30
3. Użu bħala lixka	
— Franza	60
— l-Istati Membri l-oħra	20
4. Użu għal skopijiet oħra għajr għalf-għalf għall-animali	0